# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Gunju, 2020.**

**Numru 1**

**Rikors numru 725/05 AE**

**Alfred Borg**

**v.**

**Francesca Salomone u Dr Anthony Cutajar u PL Luisa Tufigno nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Michael Salomone u b'digriet tat-30 ta' Dicembru 2019 stante l-mewt ta' Francesca Salomone l-atti gew trasfuzi f'isem Nicholas, Matthew u Michaela ahwa Salomone**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tat-8 ta' Gunju, 2020, ta' Nicholas Salomone, Matthew Salomone u Michaela Salomone bhala werrieta tal-appellanta Francesca Salomone li bih talbu li din il-Qorti tiftah l-istadju tal-provi u tawtorizza lill-

istess appellanti jipproduci bhala xhud gdid fil-proceduri odjerni lill-konvenut Michael Salomone, u dan ai termini tal-artikolu 208(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Rat ir-risposta tal-attur Alfred Borg.

Illi r-rikorrenti qed jibbazaw it-talba taghhom fuq il-fatt li tul il-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, l-imsemmi Michael Salomone kien "*mahrub u assenti minn Malta*", u allura ma setax jitressaq bhala xhud. Skont ir-rikors ghas-smigh ta' dan ix-xhud, ir-rikorrenti jixtiequ jipproducuh biex isostnu l-argument taghhom illi d-dejn meritu ta' din il-kawza gie kkuntrattat mill-istess Michael Salomone minghajr il-konsapevolezza ta' martu Francesca;

Il-Qorti, pero`, tara li ma hemmx skop li jinstema' dan ix-xhud. Ghalkemm seta' kien li l-konvenuta Francesca Salomone ma kenitx taf li zewgha kien iddejjen minghand l-attur, hija eventwalment saret taf b'dan u ffirmat l-iskrittura li kien jiccertifika dan id-dejn. Ghalhekk, hija inutili l-prova li jridu jaghmlu r-rikorrenti li d-dejn gie kkuntrattat minn wara dar il-konvenuta; il-fatt jibqa' illi hija saret taf bid-dejn u iffirmat l-iskrittura relattiva;

Il-konvenuta tghid li hi ffirmat l-iskrittura ghax il-familja taghha kienet tigi mhedda mid-diversi kredituri li kellu zewgha. Dan it-theddid jirrizulta

bhala fatt mill-atti, ghalkemm l-effetti tat-theddid huwa l-meritu tas-sentenza li eventwalment trid tinghata;

Ghalhekk, hu car li ma hemm ebda utilita` ghas-smigh tax-xhud ghax il-fatti li fuqhom irid jixhed jirrizultaw minn provi ohra fl-atti jew gew superati b'li gara wara;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, <u>tichad</u> it-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fir-rikors taghhom tat-8 ta' Gunju, 2020.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr